# LINJI GWIDA GĦAT-TIĠIJIET - PARROĊĊA TAL-IMĠARR

Żwieġ fil-Mulej jagħti l-preżenza u l-għajnuna ta' Alla biex il-miżżewġin jgħixu b'impenn il-ħajja Nisranija tagħhom. Biċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ, l-għarajjes jifhmu dak kollu li jżejjen u jsebbaħ il-mument qaddis tagħhom. Għalhekk għandna naraw li nagħmlu l-aħjar possibbli biex iċ-ċelebrazzjoni fil-Knisja tkun waħda dinjituża li tixraq u taqbel ma' dak li qed niċċelebraw. Għalhekk qegħdin nippreżentaw dawn il-linji gwida għalikom li qed tagħmlu dan il-pass biex jgħinukom, filwaqt li nitolbukom taqsmuhom ma' min hu konċernat bħall- mużiċisti, tar-ritratti, tal-fjuri eċċ.

## Il-Kant u l-Mużika:

- Meta wieħed iżomm f'moħħu li ċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ hija sagrament, il-mużika kollha trid tintgħażel bir-reqqa biex tirrifletti dan. Santu Wistin jgħid li min ikanta jkun qed jitlob għal darbtejn.
- **Mezz ta' talb:** Il-mużika tat-tieġ għandha tgħin lill-ġemgħa biex titlob u tirringrazzja lil Alla għar-rigal tal-imħabba muri fis-Sagrament taż-Żwieġ.
- **Kant parteċipattiv:** Għandha tkun tista' titkanta flimkien. Fil-liturġija Kattolika l-assemblea (kull min jattendi t-tieġ) mhix udjenza, li tara b'mod passiv l-avvenimenti jseħħu fuq l-altar. Li tagħmel dan huwa wieħed mill-aktar modi b'saħħithom kif il-ħbieb u l-familji tal-għarajjes jistgħu jesprimu l-imħabba u l-appoġġ tagħhom għal dawk li jkunu qed jiżżewġu.
- **Kant sabiħ u li jimliek bil-ħeġġa:** Is-sbuħija hija tieqa fuq id-divin (KKK, n. 32), għalhekk mhix xi ħaġa stramba li l-Knisja titlob li l-mużika użata waqt il-liturġija tagħha, inkluż is-Sagrament taż-Żwieġ, tkun dinjituża, sabiħa u adattata għal dik l-azzjoni liturġika.
- **Fit-tħejjija għar-repertorju għal waqt iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ għandu jiġi evitat kull kant profan (mużika u melodiji, ngħidu aħna meħuda minn musicals, films, jew diski oħra pop/rock jew ta' xi artist/kantant popolari), iżda għandu jitkanta kant liturġiku u reliġjuż; il-kant profan jista' jitkanta waqt ir-riċeviment u mhux fil-knisja.** Lanqas ma hu permess li tiġi adattata lirika sagra/biblika biex titkanta fuq melodiji profani anke jekk huma bil-Malti u jsiru diġà f'ħafna knejjes.
- Mhux neċessarjament li għax kanzunetta tissemma fiha l-imħabba, hija tajba għal waqt iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ.
- Idealment issibu kantant li hu mdorri janima ċelebrazzjonijiet liturġiċi fil-Knisja.

- Il-Liturġija tal-Knisja turina li mhux l-aktar suġġerit li jkun hemm mużika strumentali biss, bla kant. It-testi u l-kliem akkumpanjati minn melodiji mużikali huma l-ogħla forma ta' espressjoni waqt funzjoni liturġika.
- **Dejjem għandu jiġi diskuss x'kant ser jitkanta mas-saċerdot li ser jiċċelebra.**
- **Il-Kor/kantanti/mużiċisti joqgħodu fil-kappellun ddedikat lill-Kurċifiss.** Mhux permess li joqgħodu quddiem l-artal jew fin-nofs. Il-protagonist fiż-żwieġ żgur li mhux il-kantant/mużiċist.

## Ilbies:

- L-ilbies waqt iċ-ċelebrazzjoni tat-tieġ nisrani jrid ikun jaqbel mas-sagralità taċ-ċelebrazzjoni.
- Bħalma tmur f'ċertu postijiet liebes skont ir-regoli 'dress code', hekk ukoll fil-Knisja għaliex hija d-dar t'Alla u teħtieġ rispett. Id-dar t'Alla fit-tieġ ma ssirx sala.
- L-għarajjes ma JISTGĦUX jidħlu fil-Knisja bi ħwejjeġ skullati. F'każ li dan ma jiġix rispettat jingħataw xall provdut mill-Parroċċa. Dan jgħodd għall-mistednin u dawk kollha li qed jagħtu servizz fit-tieġ ukoll għalhekk tajjeb jingħadda l-messaġġ lilhom ukoll.

## Fil-Knisja:

- Mhux permess li annimali jidħlu fil-knisja, ħlief dawk li huma guide dogs ċertfikati.
- M'għandhiex issir parata/fashion show fil-bidu fid-dħul tal-għarusa u m'għandhomx jintużaw karrijiet/affarijiet biex itellgħu t-tfal fuqhom bit-tabelli magħhom (per eżempju "Ara ġejja z-Zija!")

## Fjuri fil-Knisja:

- Il-Fjuri jgħinu biex joħolqu ambjent sabiħ ċelebrattiv biex il-ġemgħa tiċċelebra dan il-misteru fil-Liturġija tal-Knisja.
- Madanakollu dejjem għandna dejjem inżommu quddiem għajnejna li m'għandhiex issir wirja jew kompetizzjoni tal-fjuri.
- Il-postijiet fejn jistgħu jitqgħedu l-fjuri huma:

  -quddiem jew mal-ġenb jew taħt l-artal mejda. **Fuq l-artal mejda mhux permess.**

  -fuq l-artal maġġur ħdejn it-tabernaklu.

  -fuq jew quddiem il-kanċell.

-quddiem xbihat tal-qaddisin/artali.

- Dejjem għandha tingħata attenzjoni li bil-fjuri ma jitgħattiex la l-artal mejda, s-sedja, s-Sagrament u lanqas l-ambone.
- Il-fjuri għandhom ikunu jikkumplimentaw il-post sagru u mhux skont il-gosti u l-kuluri ta' xi lbies.
- Tajjeb jiġu evitati fjuri artifiċjali fil-Knisja.
- **Il-Fjuri li jintużaw fil-postijiet sagri u fil-Knisja għandhom jibqgħu fil-Knisja mhux jittieħdu band'oħra.**

## Organisers/Wedding Planners:

- L-Wedding planner l-iskop tiegħu hu li jgħin lill-koppja tiċċelebra b'mod xieraq is-Sagrament taż-Żwieġ mhux jieħu post is-Saċerdot. Il-Liturġija fil-Knisja hija totalment fir-responsabbiltà u d-diskrezzjoni tas-Saċerdot/il-Parroċċa.
- Għandu jżomm id-dinjità taż-żwieġ, jimxi ma' dawn il-linji gwida u jevita dawrien żejjed mal-Knisja u m'għandux jitla fuq l-artal għall-ebda raġuni (per eżempju jitla' jmexxi l-qarrejja.)
- Meta ssir prova fil-Knisja għandu jfakkar li qegħdin fid-Dar t'Alla u allura tinżamm il-ġabra u ambjent ta' talb.

## Fotografija:

- Iċ-ċelebrazzjonijiet fil-Knisja mhumiex ċerimonji jew spettakli, iżda għemil imqaddes, u ebda għemil ieħor tal-Knisja ma għandu daqshekk qawwa u ġieħ.
- L-Użu tal-flash ikun wieħed meqjus biex ma jtellifx il-ġabra taċ-ċelebrazzjoni.
- Il-Fotografu u l-vidjografu għandhom jevitaw ċaqlieq żejjed madwar il-Knisja u distrazzjonijiet. M'għandhomx jitilgħu fuq l-artal biex jinġibdu r-ritratti.
- Waqt il-mumenti tax-xandir tal-kelma, l-konsagrazzjoni, t-tqarbin u talb fis-skiet il-fotografi għandhom iżommu post fiss u jnaqqsu kemm jista' jkun mis-servizz tagħhom biex ma jkunux ta' distrazzjoni.

## Tapit fil-Korsija u Sagristan:

- Il-Knisja tieħu ħsieb li jintrama t-tapit l-aħmar fuq ġewwa. Min jixtieq it-tapit fuq iz-Zuntier irid jaħseb hu biex jikrih mingħand xi ħadd.
- Filwaqt li m'hemm ebda obbligu ta' ħlas apparti dak li jsir il-Kurja, tkun ħaġa sabiħa li tingħata donazzjoni lis-Sagristan (li fil-Parroċċa tagħna hu volontarju) u l-Parroċċa.

## Użu ta' konfetti/petali eċċ:

- Huwa **kompletament PROJBIT** l-użu u t-tfigħ ta' konfetti, petali, fjuri eċċetra fil-binja tal-Knisja u fil-portiku tal-Knisja Parrokkjali.
- Jekk ser jintefgħu fuq iz-Zuntier għandu jingħata ċ-ċans jingħalaq il-bieb tal-Knisja Parrokkjali.

## Fuq iz-Zuntier tal-Knisja:

- Mhu permess l-ebda ħruq tan-nar fuq iz-Zuntier jew bini tal-Knisja.
- Mhux permess isiru receptions, użu ta' gabbani tal-ġelat/ikel ieħor jew bars fuq iz-Zuntier tal-Knisja. Jekk ikun hemm xi xewqa biex titqassam ix-xampanja fuq iz-Zuntier għandu jintalab il-permess tal-Kappillan u li jkun hemm xi ħadd responsabbli li jnaddaf u jiġbor l-affarijiet wara.

*Dawn il-linji gwida jidħlu fis-seħħ għall-Parroċċa tal-Imġarr minn April 2026.*